MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-1 ta' Ottubru, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1204/2020/1 LM

**Dr Jacqueline Mallia (K.I. 240475M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà reġistrata fir-Renju Unit IMG Media Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni 04459066**

***vs.***

**Vodafone Malta Limited soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 10865**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **l-Avukat Dr Jacqueline Mallia (K.I. 240475) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà reġistrata fir-Renju Unit IMG Media Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni 04459066** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fil-10 ta' Settembru, 2020, li jgħid:

*"Jingħad bil-qima u jiġi ikkonfermat bil-ġurament minn Dr. Jacqueline Mallia ID240475M*

*Illi r-Rikorrenti nomine tinsab awtorizzata li tirrappreżenta l-mandati tagħha imsemmija fl-okkju ta' dan il-mandat in forza ta' prokura, hawn annessa u markata bħala **Dokument "A"**;*

*Illi l-intimata* inter alia, *topera bħala* Internet Service Provider (ISP) *u għalhekk fuq il-pjattaforma elettronika tagħha hi tippermetti il-passaġġ ta' kontenut diġitali minn diversi sorsi;*

*Ir-Rikorrenti nomine għanda liċenzja mingħand* Lega Nazionale Professionisti Serie A *tal-Italja sabiex ir-Rikorrenti tista' tuża u tittrasmetti logħbiet tas-*Serie A *tal-football fl-Italja, u għalhekk din tgawdi dritt tal-Awtur fuq dan il-kontenut kif jirriżulta mill-anness **Dokument "B"**;*

*Mid-**Dokument B** jidher li avolja id-drittijiet ta' awtur ġewwa Malta jinsabu mgħoddija lill-Melita p.l.c., xorta waħda ir-Rikorrenti nomine għandha d-dritt li tniedi hi stess ġewwa Malta* "Anti Piracy Actions"*;*

*Illi minn eżerċizzju kondott mis-soċjetà PriceWaterhouse Coopers ġewwa Malta li sar minħabba raġunijiet ta' sigurtà tas-sistemi tal-GO p.l.c. u tal-Melita p.l.c., irriżulta illi hemm diversi persuni imxerrdin f'diversi pajjiżi illi, b'mezzi elettroniċi illegali, jaċċedu dan il-kontenut minn pajjiżi oħra fejn qiegħed jiġi trasmess legalment, u illegalment jittrasmettu huma stess dawn il-logħbiet "live" ġewwa Malta, u dana b'kompetizzjoni illegali mar-Rikorrenti nomine u iktar minn hekk, bi ksur tad-drittijiet tagħha ta' awtur kif jirriżulta mill-anness **Dokumenti "C", "D" u "E"**;*

*Illi in forza ta' ftiehim bejn il-Melita p.l.c. u ir-Rikorrenti nomine, il-Melita p.l.c. għandha dritt li tittrasmetti dan l-istess kontenut b'mod legali, u l-istess Melita p.l.c. hija obbligata li tieħu azzjoni fir-rigward ta' trasmissjonijiet illegali u għalhekk avżat u infurmat lir-Rikorrenti nomine b'dawn it-trasmissjonijiet illegali;*

*U billi r-Rikorrenti hija konxja mill-obbligazzjoni oħra tal-Intimata li ma tistax minn jeddha jew fuq talba sempliċi tar-Rikorrenti nomine, twaqqaf dawn l-indirizzi tal-IP* ('IP addresses') *li qed minnhom qed issir transmissjoni illegali (kif ġa spjegat) mingħajr ma jkollha ordni tal-Qorti, sew minħabba l-artikolu 19 tal-Kap 426, kif ukoll minħabba l-artikolu 3(3) tar-regolament tal-Unjoni Ewropea* "Regulation (EU) 2015/2120 of the European Parliament and of the Council of 25 November 2015 laying down measures concerning open internet access and amending Directive 2002/22/EC on universal service and users' rights relating to electronic

> communications networks and services and Regulation (EU) No 531/2012 on roaming on public mobile communications networks within the Union";
>
> *Billi wkoll, dan it-twaqqif mill-issoktar tat-trasmissjonijiet illegali jirrikjedi attenzjoni u tiftix kontinwu, minħabba illi it-trasmittenti illegali kontinwament jibdlu l-*IP addresses *li minnhom ikunu qegħdin ixandru il-kontenut illegali, ir-Rikorrenti nomine ma tistax titlob biss illi l-intimata tieqaf milli tħalli għaddej it-traffiku minn grupp ta'* 'IP addresses' *determinati, iżda trid bilfors titlob illi l-Intimata tiġi inibita milli tħalli kwalsiasi traffiku illegali ta' kontenut li r-Rikorrenti nomine għandha d-dritt legali li tipproġeġi jgħaddi minn fuq il-pjattaforma tagħha, anki jekk mhux espressament inkluż mal-lista li tinsab annessa mad-**Dokument E.***
>
> *Ukoll ir-Rikorrenti nomine titlob illi minħabba il-logħbiet tas-*Serie A *ser jibdew minnufih, hu importanti li dan il-mandat jiġi akkolt provviżorjament.*
>
> *Għaldaqstant hu mitlub illi l-intimata tkun inibita milli tħalli kwalsiasi traffiku illegali tal-logħbiet tas-*Serie A *tal-Futbol Taljan minn fuq il-pjattaforma elettronika tagħha permezz tal-*'IP addresses' *inklużi fid-Dokument C kif ukoll* 'IP addresses' *ġodda li jistgħu jibdew jiġu użati għall-istess skop illegali minn terzi u li l-Intimata ssir taf li qed jiġu użati għal dan il-għan."*

Rat illi s-soċjetà intimata **Vodafone Malta Limited (C 10865)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") ġiet debitament notifikata bir-Rikors fl-10 ta' Settembru, 2020.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Settembru, 2020, fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata ppreżentata fis-16 ta' Settembru, 2020, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Settembru 2020, fl-ismijiet premessi, ġie milqugħ proviżorjament il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1204/2020/1 LM1 fuq talba tas-soċjetà rikorrenti;*

2. *Illi primarjament u għal kull buon fini jiġi dikjarat, a skans ta' kull ekwivoku li bħala intermedjarja u entità, l-intimata, Vodafone Ltd tul l-operazzjonijiet tagħha ġewwa Malta dejjem irrispettat bi sħiħ id-drittijiet ta' terzi nklużi u b'mod speċjali **(I)** d-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, kull fejn dawn huma msejsa bi dritt, kif ukoll **(II)** drittijiet fundamentali oħra nklużi ta' terzi speċjalment tal-klijenti tagħha;*
3. *Illi madanakollu, Vodafone qed ikollha tikkontesta dawn il-proċeduri, sempliċiment għaliex ma taqbilx mal mod ta' kif dan il-mandat ġie miġjub, wara kollox, huwa ċar u tond li l-Vodafone nfisha m'hu qed tiġi akkużata b'ebda ksur ta' drittijiet ta' ebda natura;*
4. *Illi skont ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat, ir-rikorrenti titlob sabiex l-intimata tkun inibita milli:*

   "tħalli kwalsiasi traffiku illegali tal-logħbiet tas-Serie A tal-Futbol Taljan minn fuq il-pjattaforma elettronika tagħha permezz tal-'IP addresses' inklużi fid-Dokument C".

   *Ir-rikorrenti saħansitra tkompli sabiex tippretendi li dina l-Onorabbli Qorti tmur oltre dan l-iskop speċifiku u saħansitra tordna b'mod għall-kollox vag u permanenti li l-initimata tiġi inibita wkoll fil-konfront ta' materja (*IP addresses *li mhumiex identifikati u b'hekk la huma definiti u wisq aktar konfermati f'dawn il-proċeduri) bla ebda stħarriġ ġudizzjarju:*

   *"kif ukoll* 'IP addresses' *ġodda li jistgħu jibdew jiġu użati għall-istess skop illegali minn terzi u li l-Initimata ssir taf li qed jiġu użati għal dan il-għan."*
5. *Illi l-mandat mitlub m'għandux jintlaqa' kif miġjub u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   ***I.*** *It-talba ma tispeċifikax il-pretensjoni tar-rikorrenti kif inhu rikjest mil-liġi taħt il-piena ta' nullità tal-att;*

   ***II.*** *Ir-rikorrenti m'uriet ebda dritt* prima facie *li jinħtieġ it-tutela bl-att preżenti u m'urietx lanqas kif tista' ssoffri preġudizzju rrimedjabli jekk il-mandat ma jintlaqax partikolarment fl-isfond tal-miżuri appożita oħra li jeżistu fil-kamp ta' din il-materja li huma ċertament iktar propizji. Ir-rikorrent lanqas m'uriet kif għandha xi dritt* prima facie *fil-konfront tal-intimata;*

   ***III.*** *Ir-rikorrenti għamlet għal kollox talbiet improponibbli u eċċessivi u li saħansitra jirriżultaw sabiex mandat kawtelatorju jiġi użat b'mod*

*permanenti u b'mod li jirriżulta f'obligazzjoni* di fare *u mhux di* non fare*, bla ebda konsiderazzjoni għall-effetti fit-tul tat-talbiet tagħha;*

***Sfond dwar l-Intimata (esponenti)***

6. *Illi in linea preliminari huwa konċess mir-rikorrenti stess li l-intimata topera* inter alia *bħala* Internet Service Provider *u b'daqstant u* ai termini *tal-Att dwar Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, il-Kap 426 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll* ai termini *tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), tforni servizz li jikkonsisti fit-transmissjoni f'network ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni provduta minn dak li jirċievi s-servizz u dħul f'network ta' komunikazzjoni, liema servizz huwa aħjar magħruf bħala "mere conduit", jew "sempliċi konduttur".*

   *Dan stante li l-intimata:*

   ***I.*** *Ma tibdiex it-trasmissjoni;*
   ***II.*** *Ma tagħżilx lir-riċevitur tat-trasmissjoni; u*
   ***III.*** *La tagħżel u lanqas timmodifika l-informazzjoni li tkun tinsab fit-trasmissjoni;*

   *U b'daqstant l-intimata topera fi ħdan hekk imsejħa* safe harbours *salvagwardjati mill-liġi Ewropeja kif spjegat u konfermat permezz ta' sensiela ta' każistika maħruġa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE);*

7. *Illi huwa ċert li l-intimata ma tilledi ebda dritt ta' kwalunkwe natura tar-rikorrenti u minkejja l-fatt li tenut kont tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, il-Qrati jew xi awtorità amministrattiva ta' xi Membru Stat tal-Unjoni Ewropea jistgħu jesiġu li intermedjarja, bħal m'hija l-intimata - twaqqaf il-proviżjon ta' xi servizz, dan għandu jkun ibbażżat fuq jedd speċifiku u ġustifikat;*

***Nullità tat-talba***

8. *Illi l-Artikolu 831(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzjoni Ċivili Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrent u għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti: (a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur;*

9. *Illi jirriżulta anke mad-daqqa t'għajn li r-rikors ma jikkontjeni ebda informazzjoni preċiża dwar il-pretensjoni li r-rikorrent irid iqiegħed fi żgur. Id-dritt tal-awtur*

*mhuwiex xi tip ta' dritt ġenerali li jista' jiġi invokat permezz ta' xi* fumus boni iuris *iżda dritt magħmul minn xogħlijiet speċifiċi taħt il-Kap 415, u l-ebda minn tali drittijiet ma ġew murija li jappartjenu lir-rikorrenti. Mhux talli hekk, iżda saħansitra b'ammissjoni tar-rikorrenti stess, jekk biss jeżistu tali drittijiet, dawn apparentament huma mgħoddija lil xi terzi u ebda prova ma tindika x'tip ta' dritt huma l-hekk imsejħa* "anti piracy actions";

***Leġittimu Kontradittur***

10. *Illi lanqas ma jidher kif ir-rikorrenti waslet sabiex tpoġġi lill-intimat bħala l-Leġittimu Kontradittur għat-talbiet tagħha. Jsegwi b'mod ċar li kwalunkwe eżerċizzju magħmul mir-rikorrenti sabiex jiġustifika l-pretensjonijiet tagħha, sar esklussivament fuq infrastruttura ta' entitajiet terzi, (Melita u Go plc) kif jixhed ċar fid-Dokument li fuqu qed tistrieħ ir-rikorrenti, anness mar-Rikors bħala Dokument "E" fis-sezzjoni* 1.2 Description of testing environment *u* 1.3 Approach*:*

    "Live testing is conducting using both Internet connections provided by Melita and Go plc at different time intervals."

11. *Illi din l-eċċezzjoni m'għandix bżonn xi forma ta' stħarriġ fil-mertu għaliex anke mal-ewwel daqqa t'għajn ma jidher ebda ness bejn l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti, u l-attività tal-intimata li hija għal kollox separata għal dawk it-terzi msemmija fid-dokumenti annessi mar-rikors u ċioe (Melita u Go plc);*

***Dritt Prima Facie***

12. *Illi l-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 huwa ċar kristall u jipprovdi kif fl-ewwel lok, il-Qorti m'għandiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u fit-tieni lok li dak ir-rikorrent* prima facie *jidher li għandu dawk il-jeddijiet;*

13. *Illi kif provdut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, f'Camilleri et vs Camilleri, 27 ta' Novembru 2014:*

    "dawn iż-żewġ elementi huma kumulutativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-ħruġ ta'

mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju isir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita." (fn. 1 Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs Giuseppe Camilleri sive Joseph deċiża 27 ta' Novembru 2014)

14. *Illi kif ritenut minn dina l-istess Onorabbli Qorti f'Mugliette vs Maistre, 15 ta' Jannar 2015*

"Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li l-uniku eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan ir-rigward huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu veru u proprju jiġi investigat fil-kawża nnifisha bejn il-partijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiża hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Tali jedd jew jidher mad-datta t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix. Tqis li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. (fn. 2 Mugliette vs John Gauci Maistre deċiża 15 ta' Jannar, 2015)

15. *Illi diġa ġie mfisser kif l-intimata ma tirraffigura ruħha mkien fl-istħarriġ li ġie preżentat mir-rikorrenti bħala s-suppost bażi tat-talbiet tagħha. Illi inoltre għandu jiġi wkoll ikkonsidrat li r-rikors ma jispeċifikax xi drittijiet tar-rikorrenti qed jiġu leżi apparti minn allegazzjonijiet vagi fil-forma tal-hekk imsejħa* anti piracy actions*, ir-rikorrent ma jitlob ebda dritt speċifiku li jinħtieġ li jiġi salvagwardjat;*

16. *Illi jingħad ukoll li anke jekk għall-grazzja tal-argument jeżistu xi jeddijiet (li ċertament ma ġewx murija f'dan ir-rikors) ta' xi drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini, l-Artikolu 24 tal-Kap 415 huwa ċar u tond u jesiġi li:*

"Ebda ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet viċini u ebda liċenza biex jintgħamel att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet viċini ma jkollha effett jekk ma ssirx bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet;"

17. *Illi ċertament wieħed jippretendi li jekk dina l-Onorabbli Qorti qed tintalab tmur oltre s-*safe harbours *li l-Liġi Ewropea tistabbilixxi speċifikament għall-entitajiet bħal Vodafone, li, jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mogħtija bħala sempliċi kondutturi* (mere conduits)*, mela tal-inqas il-jeddijiet li r-rikorrenti tistrieħ fuqhom għandhom jiġu pruvati a bażi* prima facie*;*

18. *Illi huwa prinċipju fundamentali illi l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jagħmel allegazzjoni ta' dak il-fatt. Id-Dokument "B" li tistrieħ fuqu r-rikorrenti u li allegatament tqis li huwa biżżejjed sabiex tipprova l-jedd* prima facie *tagħha, ma jagħmel ebda riferenza għal xi jedd rikonoxxut ġewwa Malta fil-konfront tal-IMG u wisq aktar huwa fil-formatt adatt sabiex jixhed xi tip ta' jedd allegat bla ebda forma ta' awtentikazzjoni;*

19. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk tali dokument se mai jista jiġi kkonstatat bħala prova* prima facie*, dan ċertament mhux fil-konfront tar-rikorrenti iżda fil-konfront ta' terz (Melita Ltd) li lejh huwa ndirazzat id-Dok "B" anness mar-rikors;*

20. *Illi mingħajr preġudizzju wkoll, isegwi li minkejja li r-rikorrenti ssejjes it-talba tagħha fuq il-bażi ta' dritt tal-Awtur li allegatament jeżisti f'logħbiet tas-Serie A tal-football fl-Italja, il-Qorti Ewropea pronunċat ruħħa fuq din il-materja u r-rikorrent ma tistax tippretendi li waħdu, dan id-dritt tal-awtur huwa sagrosant (jekk biss eżistenti) wara li f'C-403/08 Football Association Premier League (FAPL) and Others vs QC Leisure il-QĠUE qieset kif:*

> F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li FAPL ma tistax issostni dritt tal-awtur fuq il-logħbiet tal-"Premier League" stess, peress li dawn ma humiex klassifikabbli bħala xogħlijiet.
>
> Fil-fatt, sabiex jassumi tali klassifikazzjoni, jeħtieġ li l-oġġett ikkonċernat ikun oriġinali fis-sens li jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International, C-5/08, Ġabra p. I-6569, punt 37).
>
> Issa, il-logħbiet sportivi ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma kreazzjonijiet intellettwali klassifikabbli bħala xogħol fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur. Dan japplika, b'mod partikolari, għal-logħob tal-futbol, li jsir taħt regoli tal-logħob, li ma jħallix post għal libertà kreattiva fis-sens tad-drittijiet tal-awtur.
>
> F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn il-logħbiet ma jistgħux ikunu protetti fuq il-bażi tad-drittijiet tal-awtur. Barra minn hekk, huwa stabbilit li d-dritt tal-Unjoni ma jagħtihom ebda protezzjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. (fn. 3 C403/08, Qġue, Para 96-99)

*Bl-Ingliż:*

> FAPL cannot claim copyright in the Premier League matches themselves, as they cannot be classified as works.
>
> To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation (see, to this effect, Case C-5/08 Infopaq International [2009] ECR I-6569, paragraph 37).
>
> However, sporting events cannot be regarded as intellectual creations classifiable as works within the meaning of the Copyright Directive. That applies in particular to football matches, which are subject to rules of the game, leaving no room for creative freedom for the purposes of copyright.
>
> Accordingly, those events cannot be protected under copyright. It is, moreover, undisputed that European Union law does not protect them on any other basis in the field of intellectual property.

21. *Illi tenut kont dan kollu jsegwi kif minkejja li dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tipprovdi kif* "il-ħrug tal-mandat mhux dipendenti fuq il-possibilta jew probabilita ta' suċċess fil-kawża" *(fn. 4 Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs Giuseppe Camilleri sive Joseph deċiża 27 ta' Novembru 2014) l-istess Qorti tkompli sabiex tipprovdi li il-pretensjoni vantata għandha tkun tali li tikkostitwixxi dritt suxxettibbli għal protezzjoni akkordata fil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Fatt li ċertament ma jirriżultax f'din il-proċedura;*

***Artikolu 873(1) Presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inbizzjoni***

22. *Illi l-Artikolu 873(1) jirrikjedi li l-mandat ta inibizzjoni għandu jitlob* obbligazione di non fare*:*

> "L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat."

*Kif ritenut minn dina l-Onorabbli Qorti stess f'John Cordina eżerċjenti l-kummerċ bħala Caffe Cordina vs L-Awtorita tal-Artijiet (fn. 5 John Cordina eżerċjenti l-kummerċ bħala Caffe Cordina vs. L-Awtorita' tal-Artijiet deċiża 14 ta' Lulju 2020 764/2020/1 LM)*

"Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrent."

23. *Illi huwa għal-kollox inspjegabbli kif - tenut kont tal-pożizzjoni tal-intimata bħala sempliċi konduttur* (mere conduit) *u għalhekk, kif ġa spjegat, bil-fatti odjerni huwa aċettat li ma tistax tiġi misjuba li llediet xi jedd allegat tar-rikorrenti - tista' tiġi mill-banda l-oħra ritenuta li għamlet kwalunkwe ħaġa ta' preġudizzju għar-rikorrenti, kif huwa meħtieġ minn mandat ta' dan it-tip;*

24. *Illi dan huwa tentattiv sabiex il-funjzoni ta' mandat* di non fare *jiġi usurpat u mibdul f'mandat* di fare *hekk kif **fl-ewwel lok**, dan il-mandat qiegħed jesiġi li s-soċjetà intimata tiġi inibita milli tħalli kwalisiasi traffiku għaddej minn* "IP addresses" *partikolari.*

25. *Illi għandu jiġi spjegat li s-soċjetà intimata m'għandiex il-funzjoni jew kapaċità li tawtorizza jew tagħżel wieħed wieħed,* ad hoc*, kull traffiku li għaddej permezz tal-Internet iżda bħala sempliċi konduttur hija sempliċiment tħalli dak it-traffiku għaddej fi ħdan u permezz is-sistemi tagħha. Anzi jingħad li jekk tiġi mitluba li twaqqaf kwalsiasi traffiku għaddej, hija trid tieħu passi pro-attivi u pjuttost milli obligazzjoni* di non fare*, dan il-mandat jinbidel f'obligazzjoni* di fare*, ċioe li s-soċjetà esponenti twaqqaf it-traffiku fil-konfront tal-*"IP addresses" *indikati;*

26. *Illi **fit-tieni lok** dan il-mandat qiegħed jesiġi wkoll li s-soċjetà esponenti tiġi inibita milli tħalli kwalisiasi traffiku għaddej fil-konfront ta' xi* IP addresses *ġodda li hi ssir taf li qed jiġu użati għall-logħbiet tas-Serie A. Hawnhekk l-obligu* di fare *minflok* di non fare *huwa iktar ċar hekk kif ir-rikorrenti qed tippretendi li l-intimata, possibilment minn jeddha, sempliċement għaliex issir taf li xi* "IP addresses" *qed jintużaw għal skopijiet ta' logħbiet tas-Serie A Taljan allegatament bi ksur ta' xi drittijiet, taqbad u taqta' l-kundanna jekk dawn humiex illegali jew le (b'mod għal kollox misterjuż) u b'hekk terġa' tieħu azzjoni sabiex twaqqaf u timblokka dawn l-hekk imsejħa* "IP addresses" *ġodda u dan bla ebda intervent dirett tal-Qorti għall-kull każ, li essenzjalment iwassal sabiex l-intimata tispiċċa* "judge, jury and executioner" *fil-konfront ta'* "IP addresses" *ġodda;*

27. *Illi b'dawn it-talbiet, apparti li jmorru kontra l-insenjamenti tal-ġurisprudenza nostrana fil-konfront tal-mandati t'inibizzjoni, iġorru r-riskju li s-soċjetà intimata tiġi meqjusa li qed twettaq minitoraġġ* ai termini *tal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku:*

L-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq dawk li jipprovdu, meta jipprovdu s-servizzi koperti mill-Artikoli 12, 13 u 14, li jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni li huma jittrasmettu jew iżommu, **lanqas obbligu ġenerali biex ikunu mfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali.**

28. *Illi premessa 47 tal-istess Direttiva hija ċara li:*

L-Istati Membri ma jistgħux jimponu obbligu ta' monitoraġġ fuq dawk li jipprovdu servizz biss **fir-rigward ta' obbligi ta' natura ġenerali**; dan ma jikkonċernax l-obbligu ta' monitoraġġ **f'każ speċifiku** u, partikolarment, ma jaffettwax ordnijiet minn awtoritajiet nazzjonali bi qbil ma' leġislazzjoni nazzjonali.

29. *Illi dan huwa konfermat f'sensiela ta' każistika maħruġa mill-QĠUE fosthom f'Tobias Mc Fadden v Sony Music Entertainment Germany GmbH (fn. 6 C-484/14)*

87. F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, is-sorveljanza tal-informazzjoni kollha trażmessa, tali miżura għandha tiġi eskluża mill-bidu nett, għaliex tmur kontra l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 li jipprojbixxi li jiġi impost, b'mod partikolari fuq il-persuni li jipprovdu aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni, obbligu ġenerali ta' sorveljanza tal-informazzjoni li huma jittrażmettu.

*Bl-Ingliż:*

87. As regards, first, monitoring all of the information transmitted, such a measure must be excluded from the outset as contrary to Article 15(1) of Directive 2000/31, which excludes the imposition of a general obligation on, *inter alia*, communication network access providers to monitor the information that they transmit.

30. *Illi permezz tat-talbiet kif miġjuba huwa ċar kif ir-rikorrenti mhux qed tesiġi monitoraġġ f'każ speċifiku iżda b'mod ġenerali qed tippretendi li l-intimata tiġi inibita b'mod ġenerali fil-konfront ta' kwalunkwe:*

'IP addresses' ġodda li jistgħu jibdew jiġu użati għall-istess skop illegali minn terzi u li l-Initimata ssir taf li qed jiġu użati għal dan il-għan.

31. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u bid-dovut rispett kollu, is-soċjetà rikorrenti se mai missha sejset it-talbiet tagħha a bażi ta' miżuri aktar propizji*

*f'dan il-kamp ta' allegati drittijiet ta' proprjetà intelletwali jekk dawn biss jeżistu;*

***Talbiet Improponibbli***

32. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jissottomettu illi t-talbiet kif redatti huma spropozjonati meta wieħed jikkonsidra illi l-IMG ġabet it-talba sabiex l-intimata tiġi inibita milli tħalli kwalisasi traffiku illegali tal-logħbiet ta' Serie A tal-Football Taljan minn fuq il-pjattaforma elettronika tagħha permess ta 'IP addresses' ġodda li jistgħu jibdew jiġu użati għall-istess skop illegali minn terzi u li l-Intimata ssir taf li qed jiġu użati għal dan il-għan;*

33. *Illi minkejja li kif spjegat hawn qabel, filwaqt li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku jidher li tħalli l-possibilità sabiex intermedjarja tiġi ordnata twaqqaf il-proviżjon ta' xi servizz, skont każistika Ewropea, tali ordnijiet għandhom jassiguraw bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mis-sistema legali Komunitarja. Fil-każ ta' Telefonica (fn. 7 C275/06 Productores de Musica de España (Promusicae) vs Telefonónica de España SAU), il-QĠUE tgħid li:*

    68. Sussegwentement, meta jiġu implementati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' dawn id-direttivi, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri mhux biss għandhom jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi ma' l-imsemmija direttivi, iżda għandhom jaraw li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tkun kunfliġġenti ma' l-imsemmija drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt Komunitarju, bħal-prinċipju ta' proporzjonalità.

    *Bl-Ingliż:*

    68. That being so, the Member States must, when transposing the directives mentioned above, take care to rely on an interpretation of the directives which allows a fair balance to be struck between the various fundamental rights protected by the Community legal order. Further, when implementing the measures transposing those directives, the authorities and courts of the Member States must not only interpret their national law in a manner consistent with those directives but also make sure that they do not rely on an interpretation of them which would be in conflict with those fundamental rights or with the other general principles of Community law, such as the principle of proportionality.

*Kif ukoll f'Sabam v Netlog (emfasi miżjuda) (fn. 8 C-360/10 – Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM) vs Neglog NV):*

> 42. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 62 sa 68 tas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae (C-275/06, Ġabra p. I-271), il-protezzjoni tad-dritt fundamentali ta' proprjetà, li jifformaw parti minnu d-drittijiet marbuta mal-proprjetà intellettwali, għandha titqiegħed f'bilanċ ma' dik ta' drittijiet fundamentali oħra.
>
> 43. B'mod iktar preċiż, mill-punt 68 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li huwa l-kompitu tal-awtoritajiet u tal-qrati nazzjonali, fil-kuntest ta' miżuri adottati biex jipproteġu lid-detenturi ta' drittijiet tal-awtur, **li jiżguraw bilanċ ġust bejn il-protezzjoni ta' dan id-dritt u dik tad-drittijiet fundamentali tal-persuni li huma milquta minn tali miżuri.**
>
> 44. Għalhekk, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom b'mod partikolari jiżguraw **bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt ta' proprjetà intellettwali, li jibbenefikaw minnu d-detenturi ta' drittijiet tal-awtur, u dik tal-libertà ta' impriża li jibbenefikaw minnha**, taħt l-Artikolu 16 tal-Karta, l-operaturi bħall-fornituri ta' servizzi ta' *hosting*;

*Bl-Ingliż:*

> 42. As paragraphs 62 to 68 of the judgment in Case C-275/06 Promusicae [2008] ECR I-271 make clear, the protection of the fundamental right to property, which includes the rights linked to intellectual property, **must be balanced against the protection of other fundamental rights.**
>
> 43. More specifically, it follows from paragraph 68 of that judgment that, in the context of measures adopted to protect copyright holders, national authorities and courts **must strike a fair balance between the protection of copyright and the protection of the fundamental rights of individuals who are affected by such measures.**
>
> 44. Accordingly, in circumstances such as those in the main proceedings, national authorities and courts must, in particular, strike a fair balance between the protection of the intellectual property right enjoyed by copyright holders and that of the freedom to conduct a business enjoyed by operators such as hosting service providers pursuant to Article 16 of the Charter.

*Kif ukoll fil-każ ta' Tobias Mc Fadden:*

> 82. Barra minn hekk, sa fejn, minn naħa, l-imsemmija ordni timponi fuq l-imsemmija persuna li tipprovdi aċċess obbligu li jista' jaffettwa l-attività ekonomika tagħha u sa fejn, min-naħa l-oħra, hija tista' tillimita l-libertà li għandhom id-destinatarji ta' tali servizz li jibbenefikaw minn aċċess għall-internet, għandu jiġi kkonstatat li hija tikser id-dritt għal-libertà tal-intrapriża tal-persuna li tipprovdi tali aċċess, protett permezz tal-Artikolu 16 tal-Karta, kif ukoll id-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-imsemmija destinatarji, li l-protezzjoni tiegħu huwa żgurat mill-Artikolu 11 tal-Karta.
>
> 83. Issa meta diversi drittijiet fundamentali protetti mid-dritt tal-Unjoni jkunu f'kompetizzjoni ma' xulxin, l-awtoritajiet jew il-qorti nazzjonali kkonċernata għandhom jiżguraw li jiġi ggarantit bilanċ ġust bejn dawn id-drittijiet;
>
> *Bl-Ingliż[1]:*
>
> 81. As a preliminary matter, it is common ground that an injunction, such as that envisaged by the referring court in the case at issue in the main proceedings, in so far as it would require the communication network access provider in question to prevent the recurrence of an infringement of a right related to copyright, falls within the scope of the protection of the fundamental right to the protection of intellectual property laid down in Article 17(2) of the Charter of Fundamental Rights of the European Union ('the Charter').
>
> 82. In addition, in so far as such an injunction, first, places a burden on the access provider capable of affecting his economic activity and, second, is capable of restricting the freedom available to recipients of such a service from benefiting from access to the internet, the Court finds that the injunction infringes the former's right of freedom to conduct a business, protected under Article 16 of the Charter, and the right of others to freedom of information, the protection of which is provided for by Article 11 of the Charter.

34. *Illi din it-talba b'hekk tintroduċi r-riskju li l-intimata tibqa marbuta b'dan il-mandat a bażi permanenti, f'ċirkostanzi fejn il-liġi Maltija ma tikkontemplax il-*

[1] It-test Ingliż ma jaqbilx mat-test Malti.

*possibilita ta’ mandati kawterlatorji permanenti speċjalment meta wieħed iqis li t-talba kif miġjuba ma tiskadi qatt;*

***Konklużjoni***

35. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u bħala sempliċi konduttur anke jekk l-intimata tiġi inibita fil-konfront tat-talbiet miġjuba, l-intimata m’għandiex tbati ebda spejjeż għaliex b’hekk tkun qed tiġi miżmuma responsabbli għall-informazzjoni trasmessa, skont l-Artiklu 12(1) tad-Direttiva 2000/31/KE u kif tikkjarifika l-premessa 42 tal-istess Direttiva:*

> L-eżenzjonijiet mir-responsabbilità stabbilita f'din id-Direttiva jkopru biss każi meta l-attività ta' dak li jipprovdi servizz għas-soċjetà tal-informazzjoni tkun limitata għall-proċess tekniku ta' operat u tagħti aċċess għal qafas ta' komunikazzjoni li fuqu informazzjoni disponibbli minn partijiet terzi tkun trasmessa jew temporanjament maħżuna, bl-iskop biss li tagħmel it-trasmissjoni aktar effiċjenti; din l-attività hija sempliċement teknika, awtomatika u passiva fin-natura, li timplika li dak li jipprovdi servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni la jkollu tagħrif u lanqas kontroll fuq l-informazzjoni li tkun trasmessa jew maħżuna.

36. *Illi b’hekk qed jiġi kjarifikat sew lil din l-Onorabbli Qorti, li dan il-mandat m’għandux jistabbilixxi xi forma ta’ responsabbiltà fuq l-intimata, la f’danni u wisq aktar fi spejjeż, ai trimenti jkun qed jinċentivizza azzjonijiet ta’ dan it-tip kontra intermedjarji bla ebda ħtija, minflok it-tiftix ta’ danni kontra dawk li qed iwettqu xi ksur jew intermedjarji oħra li jiffaċilitaw tali ksur u la jirriżulta li jkun ekwu u wisq aktar ġust mal-intimata, li ma qed tilledi ebda dritt tar-rikorrenti.*

*Daqstant għandha x’tissottometti s-socjetà esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.”*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhud prodott mir-rikorrenti.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Settembru, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti qabelxejn tafferma li hija tinsab awtorizzata li tirrappreżenta l-mandanti tagħha skont il-prokura annessa mar-rikors tagħha. Fir-rigward tal-każ odjern, tippremetti li l-intimata topera *inter alia* bħala *Internet Service Provider* jew ISP b'mod li hija tippermetti l-passaġġ ta' kontenut diġitali minn diversi sorsi permezz tal-pjattaforma elettronika tagħha. Ir-rikorrenti min-naħa tagħha għandha liċenzja mingħand il-*Lega Nazionale Professionisti Serie A* tal-Italia [minn issa 'l quddiem "il-Lega Nazionale"] sabiex tkun tista' tuża u tittrasmetti logħbiet tal-futbol tas-Serie A ġewwa l-Italja, u għal dan hija tgawdi d-dritt tal-awtur u saħansitra ġiet mogħtija d-dritt li tistitwixxi azzjonijiet kontra l-piraterija. Tgħid li minn eżerċizzju magħmul mis-soċjetà PriceWaterhouse Coopers f'Malta, irriżulta allegatament li hemm diversi persuni f'diversi pajjiżi li b'mezzi elettroniċi illegali jaċċedu dan il-kontenut minn pajjiżi oħra fejn qiegħed jiġi trasmess legalment u huma stess jittrasmettu dak il-kontenut b'mod *live* hawn Malta. Ir-rikorrenti ssostni li dan kollu jsir b'kompetizzjoni illegali magħha u anki bi ksur tad-drittijiet tal-awtur miżmuma minnha. Tirrileva li kienet ukoll is-soċjetà Melita p.lc. li infurmatha b'dawn it-trasmissjonijiet illegali, stante li huma kellhom ftehim bejniethom

fejn din is-soċjetà kienet ingħatat id-dritt li tittrasmetti l-kontenut inkwistjoni f'Malta u fejn kienet obbligata li tieħu azzjoni fir-rigward ta' trasmissjonijiet illegali. Ir-rikorrenti tirrikonoxxi li l-intimata ma tistax minn jeddha jew fuq talba sempliċi tar-rikorrenti stess twaqqaf l-indirizzi jew *IP addresses* minn fejn qegħdin isiru dawn it-trażmissjonijiet allegatament illegali, mingħajr ordni tal-Qorti, kemm minħabba l-Artikolu 19 tal-Kap. 426 u anki minħabba s-subartikolu 3(3) tar-Regolament 2015/2120 tal-Parlament Ewropew. Iżżid tgħid li peress li t-trasmittenti allegatament illegali kontinwament ibiddlu l-*IP addresses* tagħhom, l-intimata ma setgħetx tiġi mitluba biss sabiex ma tħallix għaddej traffiku minn *IP addresses* determinati. Tirrileva li peress li l-logħbiet tas-Serie A fl-Italja kienu ser jibdew minnufih, it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat kellha tiġi akkolta provviżorjament. Fid-dawl ta' dan kollu, ir-rikorrenti qiegħda titlob sabiex l-intimata tiġi inibita milli tippermetti kwalunkwe traffiku illegali ta' dawk il-logħbiet minn fuq il-pjattaforma elettronika tagħha permezz ta' dawk l-*IP addresses* identifikati f'"Dokument 'C'" anness mar-rikors tagħha, u anki dawk l-*IP addresses* oħra li l-istess intimata tista' ssir taf li permezz tagħhom qiegħda ssir trasmissjoni llegali.

L-intimata tibda billi tirrileva li hija ma kinitx taqbel mal-mod kif il-Mandat ġie miġjub għaliex kien ċar li hija ma kienet qiegħda tiġi akkużata bl-ebda ksur ta' drittijiet ta' kwalsiasi natura. Tgħid li għas-segwenti tliet raġunijiet, ma kellux jintlaqa' r-rikors kif mitlub: (i) it-talba tar-rikorrenti ma tispeċifikax il-pretensjoni tagħha kif rikjest mill-liġi taħt piena ta' nullità tal-att; (ii) ir-rikorrenti ma werietx li kellha dritt *prima facie* fil-konfront tal-intimata li kien jeħtieġ jiġi mħares, u anki kif hija kienet ser issofri preġudizzju irrimedjabbli

jekk it-talba tagħha ma tintlaqax; u (iii) it-talbiet tar-rikorrenti kienu improponibbli u anki eċċessivi, b'mod li mandat kawtelatorju kien qed jintuża għal skop permanenti u għal obbligazzjoni *di fare* bla konsiderazzjoni għall-effetti fit-tul.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors tagħha, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja ta' prokura maħruġa lill-Avukat Dr Jackie Mallia u lill-Avukat Dr Richard Galea Debono fejn dawn ġew mogħtija diversi setgħat immarkata "Dokument 'A'"[2], anki fir-rigward tal-proċeduri odjerni; kopja ta' ittra maħruġa fit-8 ta' Lulju, 2020 lis-soċjetà Melita Ltd immarkata "Dokument 'B'"[3]; kopja ta' affidavit ta' George Sammut immarkata "Dokument 'C'"[4]; kopja ta' estratt minn studju li sar minn PWC fuq inkarigu tas-soċjetà Melita Ltd immarkata "Dokument 'D'"[5]; u kopja tal-istess studju mmarkat "Dokument 'E'"[6]

Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru, 2020, ir-rikorrenti esebit profil qasir ta' Luigi De Siervo, Kap Eżekuttiv tas-Serie A immarkat Dok. JM1[7], estratt mill-ktieb "Intellectual Property" tal-awturi Bentley and Sherman immarkat Dok. JM2[8], u kopja ta' digriet tat-Tribunal di Milano immarkat Dok. JM3.[9]

---

[2] *A fol.* 4.
[3] *A fol.* 5.
[4] *A fol.* 6.
[5] *A fol.* 7.
[6] *A fol.* 11.
[7] *A fol.* 90.
[8] *A fol.* 92.
[9] *A fol.* 93.

Waqt l-istess udjenza xehed **George Sammut**[10], li kkonferma li "Dokument E" a *fol.* 11 ġie redatt minnu. Spjega li huwa kien studja u ggradwa fl-IT u ilu 33 sena jaħdem bħala *IT Consultant.* Ikkonferma li jekk ikun hemm xi ħaġa miżmuma fuq in-*networks* tal-Melita u tal-GO, dan ma kellux jaffettwa *networks* oħra sakemm din ma tiddependix fuqhom. Spjega wkoll li ma kienx diffiċli li teqleb minn indirizz ta' IP għal ieħor f'każ li jkun hemm *blockage*. In kontroeżami rrileva li r-rapport kien xogħol li sar fuq perijodu ta' 6 xhur u kien fih ir-riżultanzi fir-rigward tat-trasmissjonijiet u s-servizzi fir-rigward tas-Serie A. Ikkonferma li huma kienu straħu għal dan il-fini fuq is-servizzi tal-*internet* provduti minn Melita u minn GO u dan kien sar b'mod *live.* Huma ma użawx il-konnessjoni tal-Vodafone. Ikkonferma *IP address* jirreferi għal bieb partikolari f'triq. In rieżami x-xhud irrileva li kull indirizz fuq l-*internet* seta' jiġi aċċessat minn kull indirizz ieħor, iżda bħal fil-każ ta' bieb wara dak il-bieb, jista' jkun hemm miżuri oħra. Imbagħad għadda sabiex spjega kif sar it-*testing* min-naħa tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

[10] *A fol*. 81.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[11]

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[12]:

> "... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

[11] Ara f'dan is-sens Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u 40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 02.11.2010.
[12] P.A., 13.05.2014.

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċessita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe***[13] tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[14]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[15] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

---

[13] Rikors Numru 3135/94.
[14] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.
[15] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hijiex tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[16]

(5) *"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel* (arm twisting) *lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd* prima facie *tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."*[17]

(6) ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[18]

[16] P.A., 25.01.2005.
[17] Ara sentenza fl-ismijiet Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti, P.A., 18.07.2008.
[18] Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited, P.A., 27.12.16.

Fil-każ in eżami, din il-Qorti ssib li mhux sodisfatt l-ewwel rekwiżit għall-ħruġ tal-Mandat, li jitlob li għandu jirriżulta *prima facie* li r-rikorrenti tgawdi minn xi jedd. Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxiliex turi sodisfaċjentement li hija għandha dritt *prima facie* li għandu jiġi kawtelati permezz tal-ħruġ tal-mandat kif rikjest minnha.

Ir-rikorrenti tirrileva li hija għanda liċenzja mingħand il-Lega Nazionale sabiex tuża u tittrasmetti logħbiet tas-Serie A tal-futbol fl-Italja sabiex b'hekk hija qiegħda tikkontendi li tgawdi minn dritt tal-awtur fuq il-kontenut, u dan kif tgħid jirriżulta minn "Dokument 'B'" anness mar-rikors tagħha. Iżda l-Qorti tosserva li dan id-dokument saħansitra jikkonsisti f'kopja mhix awtentikata ta' ittra maħruġa fit-8 ta' Lulju, 2020, minn Luigi De Siervo, *Chief Executive Officer* tas-Serie A. Hawnhekk l-azzjoni tar-rikorrenti diġà ssib diffikultà, mhux biss minħabba tali nuqqas ta' awtentiċità tad-dokument, iżda għaliex jirriżulta li dan jikkonsisti f'sempliċi dikjarazzjoni li sussegwenti għall-ħruġ ta' stedina għall-offerti għal *International Media Rights* jew ITT fis-7 ta' Awwissu, 2017, il-Lega Nazionale fil-10 ta' Ottubru, 2017, ikkonċediet lir-rikorrenti għal żmien partikolari d-dritt esklussiv tal-bejgħ ta' drittijiet tal-media fir-rigward tal-logħob tal-futbol tas-Serie A. Il-Qorti tqis li dan id-dokument waħdu ma jistax jiġi kkunsidrat prova biżżejjed tal-jedd li qiegħda tikkontendi li għandha r-rikorrenti li jiġġustifika l-ħruġ ta' dan il-Mandat. Tosserva li l-ftehim oriġinali bejn ir-rikorrenti u l-Lega Nazionale, li ċertament wara kollox huwa l-aħjar prova li r-rikorrenti jista' jkollha, qatt ma ġie esebit. Dan jingħad ukoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 24(4) tal-Kap. 415 ċitati wkoll mill-intimata, li jirrikjedi li ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur għandha ssir permezz ta'

ftehim bil-miktub. Huwa minnu li skont il-liġi r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri hija mitluba li turi li għandha dritt *prima facie,* iżda dan ma jfissirx li l-provi l-Qorti għandha taċċetta sempliċi kopja ta' dikjarazzjoni magħmula minn persuna mhux identifikabbli sew permezz tad-dokumenti esebiti bħala suffiċjenti ai fini ta' dak rikjest mis-subartikolu 873(2) tal-Kap. 12.

Dan kollu qed jingħad fl-isfond fejn mhux ċar għal din il-Qorti, kif sewwa tirrileva l-intimata, dak id-dritt li qiegħda tippretendi li għandha r-rikorrenti <u>fil-konfront tal-intimata</u> u li qed jinkiser. Saħansitra mir-rikors tagħha stess tallega li huma terzi li qegħdin jiksru d-drittijiet tagħha tal-awtur skont id-dokumenti annessi bħala "Dokument 'C'", "Dokument 'D'" u "Dokuent 'E'". Il-Qorti għalhekk tagħraf li t-talba kif magħmula mir-rikorrenti ma tistax tiġi kkunsidrata, wisq anqas tintlaqa'. Tasal ukoll biex tgħid li l-azzjoni odjerna kif redatta ma kinetx dik idoneja fiċ-ċirkostanzi li r-rikorrenti ġabet quddiem din il-Qorti. Kif sewwa rrileva l-avukat difensur tal-intimata waqt it-trattazzjoni ta' dan il-Mandat, ir-rikorrenti kellha a dispożizzjoni tagħha liġi appożita permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 488 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att li Jirregola l-Infurzar u d-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali, Parti IV (Miżuri Provviżorji u Kawtelatorji), fejn hija setgħet issib rimedju ieħor kif tikkawtela d-drittijiet tagħha, u ċertament jonqos għalhekk r-rekwiżit essenzjali tal-irrimedjabbilità, apparti li r-rimedju li qiegħda titlob ir-rikorrenti bil-ħruġ tal-Mandat mhuwiex dak idoneju. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih huwa dak li mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[19] Huwa evidenti

[19] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici**, P.A., 25.01.2005).

f'dan il-każ li r-rikorrenti kellha rimedju ieħor li setgħet tirrkorri għalih, u għalhekk ma kellhiex għalfejn tirrikorri għal dan il-mezz proċedurali eċċezzjonali.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tal-10 ta' Settembru, 2020, sa fejn kienet laqgħet ir-Rikors b'mod provviżorju, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fl-1 ta' Ottubru, 2020.